

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > Bulgaria

## Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)

Bulgarija



Bulgarija

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

### L-Artikolu 3(1) – Aġenziji mittenti

L-Aġenzija mittenti għan-notifika ta' kitbiet u taħrikiet fi Stat Membru ieħor hija l-qorti li quddiemha jkun pendenti l-każ.

L-aġenzija mittenti għan-notifika ta' dokumenti ekstraġudizzjarji fi Stat Membru ieħor hija l-qorti distrettwali (*rayonen sad*) jew bailiff b'ġuriżdizzjoni fuq l-indirizz kurrenti jew permanenti, jew l-uffiċċju reġistrat tal-persuna jew entità li titlob in-notifika; u għad-dokumenti attestati minn nutar, hija l-qorti distrettwali b'ġuriżdizzjoni fuq id-distrett li fih jipprattika n-nutar.

### L-Artikolu 3(2) – Aġenziji riċeventi

L-aġenzija riċeventi għan-notifika fil-Bulgarija hija l-qorti distrettwali (*rayonen sad*) li fil-ġuriżdizzjoni tagħha d-dokumenti għandhom ikunu notifikati.

### L-Artikolu 3(4)(c) – Mezzi biex jirċievu d-dokumenti

Il-qrati distrettwali jaċċettaw il-konsenja bil-posta ta' talbiet għan-notifika u d-dokumenti annessi li għandhom jiġu notifikati.

### L-Artikolu 3(4)(d) – Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard li tinsab fl-Anness I

Il-qrati distrettwali jaċċettaw formoli mimlija bil-lingwa Bulgara.

### L-Artikolu 4 – Korp ċentrali

Il-Ministeru tal-Ġustizzja

Id-Direttorat għall-Kooperazzjoni Legali u l-Affarijiet Ewropej

l-Unità tal-Kooperazzjoni f'Materji Ċivili

Tel.: +359 2 9237 583

+359 2 9237 576

Fax: +3592 9809223

Email:  [civil@justice.government.bg](mailto:civil@justice.government.bg)

Indirizz: ul. Slavyanska No 1

1040 Sofia

Bulgaria

## L-Artikolu 7 – Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi

F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a), fil-Bulgarija, it-talbiet biex jiġi ddeterminat l-indirizz ta' persuna li għandha tiġi nnotifikata b'dokument jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti distrettwali (*rayonen sad*) taż-żona li fir-rigward tagħha ġew ipprovduti d-dettalji. Fejn ma ġew ipprovduti l-ebda dettalji dwar l-indirizz, il-Qorti Distrettwali ta' Sofija (*Sofiyski rayonen sad*) hija kompetenti.

Meta l-qorti distrettwali (l-aġenzija riċeventi għan-notifika fil-Bulgarija) ma tkunx tista' tagħmel in-notifika fl-indirizz indikat mill-parti, hija tistabbilixxi *ex officio* li d-destinatarju għandu indirizz permanenti jew attwali u tibgħat it-talba għan-notifika lill-qorti distrettwali rilevanti li fil-ġurisdizzjoni tagħha għandha ssir in-notifika.

## L-Artikolu 8 – Trażmissjoni tad-dokumenti

Il-formola biex tintalab it-trażmissjoni tad-dokumenti tista' timtela bil-Bulgaru, jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni għall-Bulgaru.

## L-Artikolu 12 – Meta d-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument

Il-lingwa uffiċjali tal-Bulgarija hija l-Bulgaru.

## L-Artikolu 13 – Data tan-notifika

Il-leġiżlazzjoni Bulgara ma tispeċifikax terminu għan-notifika ta' dokumenti.

## L-Artikolu 14 – Ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument notifikat

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tippermetti ċ-ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument innotifikat li għandu jiġi redatt bil-Bulgaru jew bl-Ingliż.

## L-Artikolu 15 – Spejjeż tan-notifika

Il-leġiżlazzjoni Bulgara ma tistipulax tariffa għan-notifika ta' dokumenti bil-mod normali. Tariffa stabbilita f'konformità mal-Iskeda ta' Tariffi u Spejjeż taħt l-Att dwar il-Bailiffs Privati tinġabar għan-notifika ta' dokumenti b'metodu partikolari.

## L-Artikolu 17 – Notifika minn aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tippermetti li n-notifika ssir fil-Bulgarija f'konformità mal-Artikolu 17(1) biss jekk id-destinatarju jkun ċittadin tal-Istat Membru li fih joriġina d-dokument.

## L-Artikolu 19 – Servizz elettroniku

Ma hemm l-ebda kundizzjoni addizzjonali fil-Bulgarija għall-aċċettazzjoni ta' notifika elettronika.

## L-Artikolu 20 – Notifika diretta

In-notifika diretta skont l-Artikolu 20(1) mhijiex permessa skont il-leġiżlazzjoni Bulgara.

## L-Artikolu 22 – Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċedimenti

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara għalhekk li mhijiex se tagħmel użu mill-possibbiltà prevista skont l-Artikolu

22(2).

Rikors skont l-Artikolu 22(4) jista' jiġi ppreżentat lill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni *varhoven kasatsionen sad*) fi żmien sena (1) mid-data tas-sentenza.

## L-Artikolu 29 – Relazzjoni ma' ftehimiet jew arranġamenti bejn l-Istati Membri

Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma tapplika u ma kkonkludiet ebda ftehim jew arranġament internazzjonali ma' Stati Membri oħrajn tal-UE li għandhom l-għan li jiffaċilitaw jew jissimplifikaw it-trażmissjoni ta' dokumenti.

Ir-Regolament jieħu preċedenza fuq ftehimiet konklużi mir-Repubblika tal-Bulgarija ma' Stati Membri oħra fir-rigward tan-notifika ta' dokumenti fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

## L-Artikolu 33(2) – Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Il-Bulgarija bħalissa ma għandhiex l-intenzjoni li tiegħu vantaġġ mill-possibbiltà li tuża s-sistema tal-IT deċentralizzata aktar kmieni milli meħtieġ.

■ L-aħħar aġġornament: 18/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.